**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 116/2016**

**Illum: 4 ta' Ottubru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Renald Casha**
**ID: 268583(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Renald Casha ta' 32 sena, bin John Mary u Carmen nee` Micallef, imwieled Pieta` nhar il-5 ta' Mejju 1983, residenti gewwa 50, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` numru 268583(M);

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Settembru 2015 gewwa Wied il-Kbir, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li

jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Arikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghat trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta din l-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi u ghaldaqstant din ma tirrizultax ippruvata.

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu u li f'dan il-kaz japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Susisdjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, filwaqt li, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-penali ta' disghin ewro (€90).

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat